*- KOLLIZZJONI - FTUH TA' BIEBA -*

*- VEROSIMILJANZA FORMA TA' KORROBORAZZJONI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 14**
**Citazzjoni Numru: 454/94/RCP**

**Stephen Fava u Francis P Ebejer ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Fogg Limited u dina in rappresentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Cecilia Buhagiar abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Ligi u l-istess Cecilia Buhagiar.**

**vs**

**Michelina Buttigieg u Amabile Buttigieg**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi waqt li iben l-assigurat tal-attur nomine kien qed isuq il-yettura tieghu numru J-5184 minn Splash & Fun Parking Area Bahar ic-Caghaq fl-20 ta' Lulju 1992 huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karrozza tal-konvenut numru H-6256 meta l-konvenuta qabdet u fethet il-bieba tal-vettura taghha fil-mument li kien ghaddej iben l-assigurat tal-attur nomine u b'imperizja, negligenza, traskuraggini u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan il-vettura tal-attur sofriet danni, kif ukoll il-konvenut, meta hareg mill-vettura tieghu ikkaguna danni volontarji fuq il-vettura tal-assigurat tal-attur billi beda itiha bis-sieq u bil-ponn.

Illi l-attur nomine abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandu mal-assigurat tieghu ikkompensah tal-hsarat li dan sofra fl-istess vettura u ghalhekk huwa surrogat fid-drittijiet tieghu abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi

Illi meta il-konvenuti gew mitluba jikkompensaw lill-attur dawn ma ghamlu assolutament xejn anzi allegaw li dan l-incident gara tort tal-assigurat tal-attur

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li din il-kollizzjoni grat unikament tort tal-konvenuti minhabba negligenza, traskuragini, imperizja mprudenza, non-curanza da parte taghhom jew min minnhom u inoltre saru hsarat volontarji fuq il-vettura tal-assigurat tal-attur da parte tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linja ta' danni skond kif intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Amabile Buttigieg a fol 13 tal-process fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament in-nullita tal-azzjoni billi qabel ma' irriproponna l-azzjoni bic-citazzjoni odjerna, missu hallas l-ispejjes tal-kawza fl-ismijiet "Francis Paul Ebejer nomine -

vs- Amabile Buttigieg“ (Cit. Nru. 1496/92 JSP) - deciza 22 ta’ Frar 1994.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni in-nullita ta’ dawn il-proceduri stante li l-Polza ta’ Assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici kienet favur Joseph Buhagiar u mhux Cecilia Buhagiar u ghalhekk in-nullita tas-surroga billi l-assikurat tas-socjeta attrici huwa Joseph Buhagiar u mhux Cecilia Buhagiar.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 14 tal-process;

Rat il-verbali tat-23 ta’ Novembru 1994, tat-22 ta’ Marzu 1995, ta’ l-1 ta’ Novembru 1995, tal-14 ta’ Frar 1996 u tad-29 ta’ Mejju 1996 fejn il-kawza giet differita sine die.

Rat ir-rikors tal-attur nomine tal-11 ta’ Gunju 1996 u d-digriet tal-Qorti tas-17 ta’ Gunju 1996 fejn irriappuntat il-kawza ghas-16 t’Ottubru 1996.

Rat il-verbali tas-16 t’Ottubru 1996, tad-29 ta’ Jannar 1997 fejn Dr Bianchi ddikjara li qed jirtira l-eccezzjonijiet tieghu dwar in-nullita` tac-citazzjoni u rriserva li jeccepixxi fil-mertu.

Rat ir-rikors tal-31 ta’ Jannar 1997 fejn il-konvenut talab li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri u d-digriet tal-Qorti tas-6 ta’ Frar 1997 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tat-18 ta’ Frar 1997 fejn gie eccepit:

1. Illi l-incident tat-traffiku li sehh fil-20 ta’ Lulju 1992 go Bahar ic-Cahaq gara unikament tort u htija tal-assikurat tal-attur li imhabba traskuragni u negligenza waqt li kien qed isuq il-vettura numru J-5184 baqa diehel fil-bieba tal-vettura numru H-6256 propjieta tal-esponenti waqt li dina kienet wieqfa fil-parking area bil-bieba miftuha, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dana l-incident ma’ garax tort tal-eccipjenti, l-ebda amont ma’ huwa dovut lill-attur nomine in linea ta’ danni, liema danni kif pretizi mill-attur nomine huma ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Mejju 1997 fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta’ Gunju 1997.

Rat in-nota tal-konvenuti tal-20 ta’ Mejju 1997 fejn permezz taghha prezentaw xi affidavits (fol 34 sa 36).

Rat il-verbal tat-30 ta' Gunju 1997 fejn il-kawza giet differita sine die b'dan illi jekk ir-rikors ghar-riappuntament tal-kawza jsir mill-atturi ghandha tigi ipprezentata kontestwalment id-dikjarazzjoni guramentata ulterjuri tal-atturi ordnata bid-digriet tad-9 ta' Mejju 1997.

Rat ir-rikors tal-attur tat-23 ta' Ottubru 1997 u d-digriet tal-Qorti tal-24 t'Ottubru 1997 fejn laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-Gimgha  28 ta' Jannar 1998.

Rat il-verbali tat-28 ta' Jannar 1998, tal-24 t'April 1998, tal-21 ta' Ottubru 1998, tat-2 ta' Dicembru 1998 tal-25 ta' Jannar 1999.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-25 ta' Jannar 1999 fejn gie prezentat affidavit (fol 50 sa 51).

Rat il-verbali tat-8 ta' Marzu 1999 u tas-27 t'Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-10 ta' Novembru 1999 fejn permezz taghha prezentat zewg affidavits (fol 57 sa 59 tal-process).

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar 2000, tas-26 ta' Mejju 2000 u tas-17 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-1 ta' Frar 2001 u tal-21 ta' Frar 2000 fejn Dr Bianchi tratta l-kaz u nforma l-Qorti li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza.  Dr

Joseph Schembri msejjah diversi drabi baqa' ma deherx u ghalhekk peress li l-kawza kienet differita ghall-finali trattazzjoni, giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-azzjoni saret mis-socjeta' attrici stante li qed jallegaw li fl-incident awtomobilistiku li gara f'Bahar ic-Caghaq fl-20 ta' Lulju 1992, il-vettura assigurata Reg. No. J - 5184 misjuqa minn Joseph Buhagiar soffriet hsara peress li waqt li kienet ghaddejja fl-i*Splash & Fun Park*, infethet il-bieba ta' wara tal-vettura tal-konvenuti Reg. No. H - 6256, u laqtitha u dan apparti hsara volontarja ohra li allegatament giet ikkawzata mill-konvenut fl-istess vettura wara l-istess incident.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li mhux minnu li l-incident gara kif allegat mill-atturi, izda gara peress li l-istess sewwieq Joseph Buhagiar, baqa' diehel fil-bieba tal-karozza miftuha tal-istess konvenut, b'dan li kien l-istess sewwieq li minhabba disattenzjoni tieghu li kkawza l-incident *de quo.*

Illi l-partijiet koncernati f'din il-kawza ma hassewx il-bzonn li jressqu l-ufficjali tal-pulizija li investigaw l-istess incident, u *di piu* jinghad li ghalkemm din il-kawza ilha pendenti sebgha (7) snin, hadd mill-partijiet jew xhieda taghhom ma xehdu *viva voce* quddiem il-Qorti, ghalkemm inghataw mill-istess Qorti diversament presjeduta, u anke odjerna, wkoll diversi differimenti biex dan issir, u l-unika xhieda disponibbli ghall-Qorti ghad-determinazzjoni ta' din il-pendenza huma biss affidavits.

Illi in vista ta' dan, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief abbazi tax-xhieda prodotta, taghzel liema mill-versjonijiet moghtija mill-partijiet hija l-aktar wahda kredibbli, u dan ghandu jigi wkoll determinat fuq liema miz-zewgt' allegazzjonijiet moghtija hija l-iktar wahda verosimili, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghaliex inghad kemm il-darba fil-gurisprudenza nostrali li l-verosimiljanza hija wkoll forma soda ta' korroborazzjoni.

Illi mill-provi prodotti hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-versjoni tas-socjeta' attrici hija hafna aktar verosimili, u dan anke peress, li l-affidavit ta' Louise Falzon moghti minnha fl-20 ta' Jannar 1999 (fol.51) jispjega b'mod car u anke sa certu punt dettaljat kif sar l-incident.

Illi fil-fatt l-istess xhud issostni li l-karozza kienet qed tigi misjuqa minn Joseph Buhagiar, u hija kienet hdejh fil-

*passenger seat,* u fuq wara kien hemm uliedha minuri. Sostniet li huma ghaddew minn hdejn il-karozza tal-konvenuti, li kienet ipparkjata u kienu ghadhom kemm ghalqu l-bieba ta' wara tal-lemin, u f'hin minnhom meta kienu wasslu nofs ta' karozza mal-karozza ipparkjata, regghet infethet l-istess bieba u laqtet il-karozza tal-assigurata tas-socjeta' attrici. Wara l-incident l-konvenuta instemghet tghid li kellha tiftah il-bieba ghaliex binha kien ghalaq subajh.

Illi din il-versjoni hija korroborata wkoll fl-affidavit tal-istess sewwieq Jospeh Buhagiar fl-affidavit tieghu tal-14 ta' Ottubru 1997 (fol.39) u li aktar sinifikanti spjega li l-hsara tieghu kienet mal-genb tal-vettura tieghu, konsegwenza tal-ftuh tal-istess bieba tal-karozza tal-konvenuti.

Illi fil-fatt dan huwa sinifikanti stante li l-konvenuti ma jidhrux li ikkontestaw li l-hsara fil-vettura tal-attrici kienet mal-genb tal-istess karozza, u ghalhekk tenut kont tal-premess, dan irrenda l-versjoni tal-konvenuti fl-affidavits taghhom tal-5 ta' Novembru 1999 (fol.58 u 59) iktar inverosimili u anqas kredibbli, ghaliex huma invece qed isostnu li l-bieba kienet miftuha, u huwa ghalhekk difficli biex wiehed jifhem, kif bil-mod kif deskritt mill-konvenuti li gara l-incident, l-hsara fil-vettura tal-attrici saret mal-genb, meta l-konvenuti sostnew li Joseph Buhagiar is-sewwieq tal-vettura l-ohra, baqa' diehel fil-bieba miftuha tal-karozza tal-konvenuti, anke ghaliex li kieku kien hekk id-daqqa fuq

l-vettura assigurata mis-socjeta' attrici kellha tkun fuq quddiem. Fil-fatt huwa sinifikanti li l-istess konvenuti lanqas isemmu fejn kienet il-hsara fil-karozza li habtet maghhom, u lanqas spjegaw kif ezattament sar l-istess impatt.

Illi dan huwa iktar importanti meta wiehed jezamina it-tezi tal-istess konvenuti, fejn jirrizulta li l-konvenuta sostniet li l-ewwel zewgha waqqaf il-karozza, hija wara li harset fethet il-bieba, harget, rat karozza gejja bi *speed* ghal fuqha, resqet mal-karozza bil-bieba miftuha sabiex tevita li tintlaqat. Illi l-Qorti thoss li tali versjoni ma hijiex kredibbli, anke ghaliex li kieku l-karozza l-ohra kienet miexja bi *speed* qawwi kif sostniet il-konvenuta, l-istess konvenuta kienet ukoll tintlaqat; apparti dan la darba l-konvenuta kellha c-cans tersaq mal-istess karozza ghaliex skond hi hasset li l-karozza l-ohra kienet diehla go fiha, jibqa' misteru kif ma inbutatx il-bieba biex tghalaqha. Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-konvenuti fl-affidavit taghhom, prezentat *di piu* darbtejn, ma irnexxilhomx jaghtu spjegazzjoni ghal dawn l-inkonsistenzi fix-xhieda taghhom, u ghalhekk tenut kont tal-premess, thoss li dawn id-dubji jirrendu l-allegazzjonijiet tal-konvenuti mhux kredibbli, bir-rizultat li ghandu jigi deciz li l-konvenuti naqqsu li jissodisfaw l-oneru tal-prova li kien jikkombi lilhom fuq l-allegazzjoni minnhom vantata.

Illi bhala konsegwenza tal-premess, din il-Qorti thoss li l-versjoni tas-socjeta' attrici hija dik li ghandha tinghata

kredibilita' f'din il-kawza, u cioe' li waqt li l-vettura assigurata mis-socjeta' attrici kienet ghaddejja hdejn il-vettura wieqfa tal-konvenuti, infethet mill-konvenuti il-bieba tal-karozza taghhom u kkawzat hsara lill-karozza tal-attrici, u tali azzjoni giet deskritta bhala *"distrazzjoni momentarja … ... li tammonta ghall-konfessjoni ta' non-osservanza tar-regoli tas-sewqan u ammissjoni ta' alljenazzjoni"* fil-kawza fl-ismijiet **"Alex Vella Falzon vs George Vassallo"** ( P.A. JSP. 5 ta' Ottubru 1993).

Illi irrizulta wkoll li apparti tali hsara giet ikkwazata hsara ohra fl-istess vettura assigurata mis-socjeta' attrici min-naha tal-konvenut, stante mix-xhieda tal-istess Louise Falzon jirrizulta li wara l-istess incident l-konvenut beda jaghti bil-ponn fuq il-bonnet tal-karozza li kienet fiha; wiehed jinnota li dwar dan hemm skiet perfett min-naha tal-konvenuti, u ghalhekk anke taht dan l-aspett it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghad-danni ikkawzati minhabba l-incident premess u danni ohra konsegwenzjali.

## III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

Illi l-hsara sofferta fil-karozza tal-attrici giet imhallsa mis-socjeta' attrici abbazi ta' *comprehensive policy* li kienet

tezisti bejn l-atturi, u fil-fatt skond is-surroga datata 2 ta' Settembru 1995 esebita a fol. 21 tal-process jirrizulta li l-ammont li thallas lill-attrici kien ta' tlett mija u tmintax-il lira u hmistax il-centezmu (Lm318.15) liema ammont ma giex ikkontestat mill-konvenuti, u peress li jirrizulta li thallas u huwa ammont ragonevoli, din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' hsara sofferta fl-incident *de quo,* fl-istess ammont ta' tlett mija u tmintax-il lira u hmistax-il centezmu (Lm318.15).

Illi jinghad ukoll li ma giet prodotta ebda xhieda ulterjuri ghall-allegata hsara volontarjament ikkagunata fuq il-karozza tal-attrici, u ghalhekk dan huwa l-ammont totali li qed jigu likwidati kawza tal-incident awtomobilistiku *de quo* u l-incidenti naxxenti minnu.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' it-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li din il-kollizzjoni grat unikament tort tal-konvenuti minhabba negligenza, traskuragini, imperizja mprudenza, non-curanza da parte taghhom u inoltre saru hsarat volontarji fuq il-vettura tal-assigurat tal-attur da parte tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u tmintax-il lira u hmistax-il centezmu (Lm318.15).

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linja ta' danni fl-ammont ta' tlett mija u tmintax-il lira u hmistax-il centezmu (Lm318.15) skond kif intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2001.**